TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 130/13 (JE).

Natasha Abela

vs.

Ranier Scerri eżerċenti l-kummerċ bħala "Power House".

Illum, 28 ta' Ottubru 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Natasha Abela tal-20 ta' Ġunju 2013 illi fih qalet illi rċiviet toaster 3 in 1 bħala rigal tal-Milied imma wara illi użat il-grille pallet darbtejn, il-wiċċ beda jitqaxxar. Ippruvat tixtri pallet ġdida imma ġiet infurmata illi din ma tinbiegħx waħiedha. Ġiet infurmata ukoll illi l-garanzija ma tkopriex dan id-difett.

Ra illi l-konvenut minkejja illi kien debitament notifikat, ma daħħalx risposta u għalhekk, waqa' kontumaċi.

Sema' l-provi tal-attriċi.

Ikkunsidra.

Illi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni u fid-dawl tal-provi prodotti, jidher illi t-talbiet tal-attriċi huma ġustifikati.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attriċi u jordna r-rifużjoni tas-somma ta' € 49 prezz tat-toaster in kwistjoni kif ġie ppruvat fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.